# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 46/2022/09

**Data tal-laqgħa:** 5 ta' Lulju, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fil-17:00hrs.

## Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

## Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 46.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

46.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 45

46.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 45 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier Ritienne Caruana, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 46.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

46.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva l-Management Letter mingħand l-Awdituri Grant Thornton. Is-Sindku qal li l-Kunsill għalaq is-sena tajjeb u dan huwa rifless ukoll fil-*management letter* li fiha ħafna anqas punti mis-sena ta' qabel minħabba li ttieħdu l-miżuri kif suġġeriti mill-Awdituri.

46.3.1.1 Is-Sindku Terence Agius qal li s-Segretarju Eżekuttiv kienet ippreparat ir-risposta għall-*management letter* u din ġiet ppreżentata quddiem il-Kunsill.

46.3.1.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din ir-risposta u qablu mal-kontenut tagħha.

46.3.1.3 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex tiġi approvata ir-risposta għall-*management letter* kif ppreparata mis-Segretarju Eżekuttiv b'konsultazzjoni mal-Accountant, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Ritienne Caruana, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

46.3.1.4 Is-Sindku Terence Agius qal li f'isem il-Kunsill xtaq pubblikament jirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv li b'ħidma sfieqa irnexxielha ġġib dan ir-riżultat għall-Kunsill, fejn issa l-awdituri qegħdin jagħlqu is-sena b'opinjoni.

46.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien tkellem mal-Iskola Medja fejn urew il-ħsieb li jsiru *bins* b'kompartamenti differenti biex isir l-għażla tal-iskart.

46.3.2.1 Il-Kunsilliera raw xi kwotazzjonijiet għal dawn il-*bins* u qablu li jsiru tlett *bins* ġodda, wieħed ħdejn il-bus shelter fi Triq Hal Safi, ieħor ħdejn id-daħla tal-Kumpless Sportiv fi Triq il-Fdal Paleokristjan u ieħor qabel tidħol għall-Bandli tal-Kommunità meta jitneħħew il-*bring in sites*. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

46.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Group Life Policy għall-membri eletti.

46.3.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li l-Kunsill iġedded din il-polza għal erba' kunsilliera peress li wieħed minnhom ma jistax jiġi kopert minħabba l-età.

46.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-Iskema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022.

46.3.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u ġie deċiż li l-Irkottafest 2022 issir nhar il-Hadd, 9 ta' Ottubru, 2022.

46.3.4.2 Il-Kunsilliera ddeċidew ukoll li jsir Brainstorming Meeting biex tiġi organizzata din l-attività. Kien hemm qbil li dan isir fil-11 ta' Awwissu, 2022. Kien hemm qbil li jinġabru kwotazzjonijiet għal din il-ġurnata u l-Kunsill imexxi fuq l-aktar waħda vantaġġjuża.

46.3.5 Is-Sindku Terence Agius issospenda l-laqgħa minħabba li kien hemm laqgħa skedata mal-Għaqda Mużikali San Leonardu. Il-ħin f'dan l-istadju kien is-18:10hrs.

46.3.6 Is-Sindku Terence Agius talab lill-Kunsilliera biex jidħlu lura għal-laqgħa. Il-ħin f'dan l-istadju kien is-18:30hrs.

46.3.7 Is-Sindku Terence Agius qal li issa li l-Kunsill kien iltaqa' mal-Għaqda Mużikali San Leonardu rigward l-għajnuna mitluba biex it-*tribute band* li ser tieħu sehem fl-attività 80s & 90s Music Festival ikunu jistgħu jużaw kamra fil-bini tal-Kunsill qabel jagħmlu l-*performance*, u ġew kjarifikati l-punti kollha, l-Kunsill seta' jieħu deċiżjoni.

46.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien għadu għaddej bid-diskussjonijiet dwar l-użu tas-sala tal-iskola mill-għaqdiet tal-lokal.

46.3.8.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill tkellem mas-Segretarju Permanenti mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u kif ukoll mal-Prinċipal tal-Kulleġġ San Benedittu biex jara għaliex is-sala mhux qed tiġi mislufa lill-għaqdiet.

46.3.8.2 Is-Sindku Terence Agius kompla jgħid li l-Prinċipal kienet infurmatna li hija ma kellhiex problema li jissellfu s-Sala, biss din kien fiha affarijiet li tneħħew mill-klassijiet minħabba l-pandemija tal-Covid-19 u sa issa kien għad ma għandhomx il-*clearance* minn naħa tad-Dipartiment tas-Saħħa.

46.3.8.3 Is-Sindku Terence Agius qal li qed jipprova jitkellem mas-Segretarju Permanenti biex jara jekk jistgħux jitlobu *clearance* mid-Dipartiment tas-Saħħa.

46.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Viċi Sindku u hu kienu attendew għal-laqgħa mal-Ministru Clifton Grima u mas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni dwar l-użu tal-iskejjel wara l-ħin tal-iskola, speċjalment is-swali, prezz issussidjat għall-użu tal-Kumpless Sportiv bħala kumpens tal-iżvilupp tal-iskejjel f'Ħal Kirkop u *traffic management* u soluzzjonijiet ta' parkeġġ fl-*area* tal-Kulleġġ San Benedittu.

46.3.9.1 Is-Sindku Terence Agius qal li fir-rigward tal-prezz issussidjat bħala kumpens, il-Ministru qal li jista' jsir *agreement* bejn il-Kunsill u l-Ministeru f'dan ir-rigward.

46.3.9.2 Fir-rigward tat-*traffic management* u soluzzjonijiet ta' parkeġġ, il-Ministru qal li nistgħu nibdew diskussjonijiet biex wieħed jara x'jista' jsir.

46.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Avukat tal-Kunsill kien bagħat risposta għall-ittra ġudizzjarja rigward il-parkeġġ fi Triq il-Kbira.

46.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien talab informazzjoni dwar meta ser jiġu nstallati l-iBins fi Triq ir-Ramlija. Hu spjega li kien qed jiddiskuti mal-GreenPak biex isir rimbors tas-CCTVs li twaħħlu fuq il-post.

46.3.11.1 Is-Sindku Terence Agius kompla jgħid li dawn is-CCTVs ser jiġu mqabbda wkoll mal-LESA.

46.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien iltaqa' mal-Public Works rigward il-bankini ta' Triq Danny Cremona. Hu qal li minn naħa tagħhom għandhom bżonn pjanta approvata minn TM biex dawn ikunu jistgħu jiġu rranġati.

46.3.12.1 Is-Sindku Terence Agius kompla jgħid li ser ikun qed jitkellem ma' TM biex dan ix-xogħol ikun jista' jsir.

46.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien talab għall-kwotazzjoni biex jitneħħew il-kaktus perikolużi li hemm fl-*observation area* tal-ajruplani.

46.3.13.1 Il-Kunsilliera qablu li dawn jitneħħew kemm jista' jkun malajr għax huma perikolużi ħafna.

46.3.13.2 Apparti hekk is-Sindku u l-Viċi Sindku ser ikunu qed jaraw is-siġar li hemm fi Triq Danny Cremona biex tissolva l-problema tal-qlib tal-ħajt.

46.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/6/2022 rigward Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.

46.3.14.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill ma kellux proġetti li saru mill-Gvern Ċentrali u għaldaqstant mhux ser japplika għal din iċ-Ċirkulari.

46.3.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li impjegat tal-Kunsill kien imissu jieħu *increament* għal *notch* 6 fi Skala 15.

46.3.15.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li għandu jieħu din l-*increament*. Il-Kunsilliera qalu li l-impjegat għandu jitfa' moħħu aktar hemm speċjalment fir-rigward ta' puntwalità. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

46.3.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Artist Clint Grech kien ta l-permess lill-Kunsill biex jipprintja l-prints ta' pittura tiegħu biex setgħu jingħataw bħala tifkira f'diversi proġetti. Is-Sindku kompla jgħid li dan il-permess kien ingħata mingħajr ħlas u xtaq jirringrazzjah pubblikament f'isem il-Kunsill.

46.3.17 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien għadu ma ħallasx għall-video li sar fuq Ħal Kirkop minħabba li kellu affarijiet li kellhom jiġu rranġati.

46.3.18.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li sakemm dan il-video jiġi rranġat professjonalment il-ħlas jibqa' ma joħroġx.

46.3.18.2 Is-Sindku Terence Agius qal li kien ser jitkellem mal-kuntrattur biex dan il-video jiġi rranġat.

46.3.18 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-19:55hrs.

## 46.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

46.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li fi Triq ir-Ramlija qed jipparkjaw *heavy vehicles*. Għandu jkun hemm 'No Parking for Heavy Vehicles' fil-parti fejn ser jitpoġġew il-*bring in sites*.

46.4.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-proposta u qablu li dawn isiru.

46.4.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar meta ser jiġu rilokati l-iBins.

46.4.2.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kien qed jistenna li l-Kunsill jingħata *refund* tas-CCTVs u dawn jitqabbdu mal-LESA.

46.4.2.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jitolbu li l-iBins ikunu f'posthom fl-1 ta' Awwissu, 2022.

46.4.2.3 Il-Kunsilliera qablu wkoll li jitwaħħlu tabelli mal-*bring in sites* eżistenti biex ninfurmaw li nies meta dawn ser jiġu rilokati.

46.4.3 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li ma kellha xejn x'tikkomunika f'dan l-istadju.

46.4.4 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa jekk il-*hedging* li hemm mad-dawra tal-Menhir jistax jitbaxxa aktar. Apparti hekk hemm *stop sign* li mhux qegħda tajjeb u għandha titneħħa.

46.4.4.1 Is-Sindku Terence Agius qal li dan il-*hedging* għandu jitbaxxa, t-tabella titneħħa u tiġi ordnata tabella *give way* biex teħel minflokha.

46.4.5 Il-Kunsillier Cody Galea ssuġġerixxa li jsiru *hangers* għall-boroż taż-żibel biex ma jitqattgħux mill-qtates.

46.4.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġeriment u qablu li għandha ssir waħda fi Triq San Remiġ bħala prova, biex naraw x'*feedback* ser ikun hemm fuqha imbgħad terġa' tiġi diskussa.

46.4.6 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa jekk jistgħux isiru l-metru *double yellow lines* ma garaxx fi Triq il-Għasel.

46.4.6.1 Il-Kunsilliera iddiskutew din it-talba u qablu li dawn il-linji jistgħu jsiru.

46.4.7 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar il-linji sofor li qabel saret it-triq bit-tarmak kienu bojod, fi Triq Taż-Żebbiegħ.

46.4.7.1 Il-Kunsilliera iddiskutew din it-talba u qablu li dawn il-linji jistgħu jiġu rranġati.

## 46.5 Rapport tal-Ilmenti

46.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill suġġeriment li sar biex isiru *parking bays* fl-aħħar biċċa ta' Triq l-Imdina.

46.5.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġeriment u qablu li jekk isiru dawn il-*parking bays* ser ikun hemm problema għax jitnaqqas l-ispazju tal-parkeġġ. Għaldaqstant ġie deċiż li kollox jibqa' kif inhu.

46.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kumplament tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 46.6 Proġett ta' *Bike Racks* f'Ħal Kirkop

46.6.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien ġabar kwotazzjonijiet għall-proġett ta' *bike racks* f'Ħal Kirkop. Dan wara diskussjonijiet li kienu saru mal-Kulleġġ San Benedittu biex il-Kunsill jgħin biex l-istudenti jkunu jistgħu jaslu l-iskola permezz tar-roti u hekk jgħinu biex jitnaqqas it-tniġġis tal-ambjent li ngħixu fih.

46.6.2 Il-Kunsilliera raw il-kwotazzjonijiet miġbura u qablu li tingħażel l-orħos offerta u jiġu ordnati disa' settijiet ta' *bike racks* (li jieħdu ħames roti kull sett) u jitwaħħlu fil-postijiet kif ġej –

- 3 settijiet fl-Iskola Sekondarja
- 2 settijiet fl-Iskola Medja
- 1 sett fl-Iskola Primarja
- 1 sett ħdejn il-Kumpless Sportiv
- 1 sett ħdejn il-Bandli tal-Komunità
- 1 sett fi Pjazza Żerniq

46.6.3 Għaldaqstant, il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex jiġu ordnati disa' settijiet ta' *bike racks* mingħand l-orħos offerent u jitwaħħlu skont kif deċiż f'minuta 46.6.2, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 46.7 *Charging Pillars* f'Ħal Kirkop

46.7.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża biex isiru *charging pillars* għall-karrozzi elettriċi fi Triq l-Industrija.

46.7.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-proposta u ma sabux oġġezzjoni li dawn isiru fejn issuġġerit minn naħa tal-Ministeru.

46.7.3 Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 46.8 Manutenzjoni ta' Ġonna u *Soft Areas*

46.8.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien kellem lill-ġardinar dwar xi nuqqasijiet u kif ix-xogħol fuq il-manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas* jista' jitjieb.

46.8.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dawn in-nuqqasijiet u x'azzjoni tista' tittieħed biex isir progress fix-xogħol imwettaq.

46.8.3 Il-Kunsilliera qablu unanimament li tinħareġ twissija bil-miktub lill-ġardinar, dan wara li kienu saru laqgħat u twiddibiet bil-fomm u kien hemm biss progress minimu.

46.8.4 Wara din it-twissija il-Kunsill ser ikun qed jara kif mexa l-andament tax-xogħol u jerġa' jiddiskuti.

## 46.9 Ħinijiet tal-Uffiċċju

46.9.1 Is-Sindku Terence Agius ppropona li l-ħinijiet tal-Uffiċċju jsiru fuq l-istess mod kif jaħdmu d-Dipartimenti tal-Gvern.

46.9.2 Is-Sindku Terence Agius spjega li jkun aktar jagħmel sens li l-ħinijiet tal-uffiċċju tal-Kunsill jiġu bħal tad-Dipartimenti tal-Gvern għax xorta waħda il-bżonnijiet tal-Kunsill ma jkunux jistgħu jintlaħqu għax il-maġġor parti tal-entitajiet ikunu magħluqa.

46.9.3 Is-Sindku Terence Agius issuġġerixxa li l-ħinijiet tal-Uffiċċju, għall-amministrazzjoni, jsiru kif ġej, b'effett mill-1 ta' Ottubru, 2022 –

- mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Ġunju u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru mis-7:00hrs sal-16:15hrs, u
- mis-16 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru mis-7:30hrs sas-13:30hrs.

46.9.4 Il-Kunsilliera ddiksutew din il-proposta u qablu magħha.

46.9.5 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-ħinijiet tal-Uffiċċju jsiru skont kif spjegat f'minuta 46.9.3 b'effett mill-1 ta' Ottubru, 2022, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 46.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

46.10.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 128 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

46.10.2 Il-Kunsilliera qablu li pagament nru. 11 ma jitħallasx sakemm il-Kunsill jirċievi l-prodott iffinalizzat. Il-Kunsilliera qablu wkoll li malli jkunu kuntenti bil-prodott finali, isir il-ħlas mitlub.

46.10.3 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 128 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 46.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

46.11.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

46.11.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 29 ta' Awwissu, 2022 fl-16:30hrs.

46.11.3 Il-laqgħa ntemmet fl-22:00hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 29 ta' Awwissu, 2022

**Mozzjoni Ref:** 244/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 45.

**Proponent**
Ritienne Caruana

**Sekondant**
Joseph Schembri

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 5 ta' Lulju, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 245/22/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata ir-risposta għall-*management letter* kif ppreparata mis-Segretarju Eżekuttiv b'konsultazzjoni mal-Accountant.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
Ritienne Caruana

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 5 ta' Lulju, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 246/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiżdied il-ħin tal-laqgħa minħabba li kienu għaddew it-tlett siegħat u kien fadal punti importanti biex jiġu diskussi.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 5 ta' Lulju, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 247/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu ordnati disa' settijiet ta' *bike racks* mingħand l-orħos offerent u jitwaħħlu skont kif deċiż f'minuta 46.6.2.

**Proponent**
John Luke Cassar

**Sekondant**
Joseph Schembri

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 5 ta' Lulju, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 248/22/9

**Mozzjoni:**

Biex il-ħinijiet tal-Uffiċċju jsiru skont kif spjegat f'minuta 46.9.3 b'effett mill-1 ta' Ottubru, 2022.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 5 ta' Lulju, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 249/22/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 128 kif maqbul f'minuta 46.10.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Joseph Schembri | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 5 ta' Lulju, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**